# QALB SINCIERA MA TEQDIEMX

——00——

## ATT SOĊJALI

TA'

ĠUŻEPPINA ATTARD MONTALTO

Hadd ma jista' jaħdem fuq il-palk, jew ixandar minn fuq ir-Rediffusion, jew jużа xort'oħra din il-biċċa teatrali mingħajr is-sensja tal-kittieba.

Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp—Ħamrun.

*Copyright* : Ġużeppina Attard Montalto.

# KELMTEJN QABEL

DIN id-darba, fis-sensiela ta' bċejjeċ teatrali li qegħdin jidħru fi "IL-MALTI" minn xi sentejn 'il hawn, se nagħtukom "Qalb sinċiera ma teqdiemx" ta' Ġużeppina Attard Montalto.

Għal min ma jafhiex nixtieq ingħid li din il-kittieba, għalkemm mhiex xi żagħżugħa — għax mara miżżewġa u għandha wkoll xi wlied miżżewġin — ma bdietx tikteb ħlief xi tlieta jew erba' snin ilu, imma ġà għandha għall-kreditu tagħha xi għoxrin biċċa teatrali; imma, kif stqarritli hija nfisha, qatt ma ġieha l-kuraġġ li toħroġhom stampati.

Jien weġibtha li ma kontx naħsibha bħalha għax xi bċejjeċ minn tagħha kien jistħoqqilhom tifħir u għalhekk ħajjartha biex tħallini nagħżel xi biċċa biex tidher f'din il-ġabra u hekk isimha jsir magħruf.

Ta' min igħid ukoll li l-ewwel dramm teatrali li ażżardat toħroġ għad-dawl (Ħadd il-Palm) bagħtitu għall-Konkors tal-*Malta Drama League* ta' l-1950 imma billi s-sistema ta' din il-Għaqda huwa li ssemmi biss il-bċejjeċ li ġew klassifikati l-ewwel, it-tieni u t-tielet, u tagħha ma kienx wieħed minnhom, baqgħet bla ebda aħbar tal-biċċa tagħha.

Iżda ma qatgħetx qalbha u fl-istess sena bagħtet dramm ieħor tagħha għall-konkors tal-K.O.P.T.E.M. (Kumitat Organizzatur Privat Teatru Edukattiv Malti). Dan id-dramm (Il-Wegħda) ġie klassifikat ir-Raba' fil-Konkors Letterarju u wara l-Kumpannija "Ribalta" li ħadmitu ħadet bih it-Tieni Premju.

Skond l-opinjoni tiegħi, Ġużeppina Attard Montalto jistħoqqilha kull inkuraġġiment mhux biss għax hija l-mara waħdanija li fil-Letteratura Maltija nxteħtet għal din ix-xorta ta' kitba, imma wkoll għax għandha ideat ġenjali, taf tikteb għall-palk bis-sengħa meħtieġa, għandha d-djalogi tagħha ħajja u jixbhu lil dawk li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum u, ukoll, ma jonqsuhiex xi ħsibijiet oriġinali jekk mhux fil-ħsieb għallinqas fl-iżvolġiment.

Il-qarrejja ta' "IL-MALTI" u dawk kollha li jħobbu t-teatru malti huma għalhekk mitluba biex jagħmlu l-ħila lil Ġużeppina Attard Montalto, għax jien żgur li jekk tissokta fit-triq li daħlet fiha erba' snin ilu, għad naqraw xi ktieb minn tagħha li għandu jingħoġob ħafna.

Il-bċejjeċ li jinkitbu huma bosta imma minn kull kittieb diffiċli li joħroġ iżjed minn kapulavur wieħed. Dak ta' Ġużeppina Attard Montalto qegħdin nistennewh bi ħrara.

San Ġiljan, 21. 2. 1951. Ivo Muscat-Azzopardi.

# QALB SINCIERA MA TEQDIEMX

---

## ATT SOĊJALI

TA'

ĠUŻEPPINA ATTARD MONTALTO

---

## JIEHDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| BALDA ... ... ... ... ... ... | 72 sena. |
| GUSTA ... ... ... ... ... ... | 70 sena. |
| PALMI (Seftura) ... ... ... ... ... | 76 sena. |
| SIMON (Tfajla Moderna) ... ... ... ... | 20 sena. |

---

F'Malta, fiż-żmien tal-lum.

---

# IX-XENA TURI:

*Salott antikwat kemm jista' jkun. Kollox jidher fih l-istil u l-gost ta' 80 sena ilu. Il-pultruni u sufan miksijin bil-*horse hair, *u mixħutin fuqhom ikun hemm l-antimakasars tal-kroxè. Imħaded mimlijin ibsin u weqfin ikunu poġġuti fuqhom bla ebda gost, irrakkmati bil-lewlu. Fuq sottu-spekkju, arloġġ tal-bronż bil-gandlieri pariġġ taħt il-bożoż tal-ħġieġ; fuq il-lemin gradenza antika b'żewġ važetti bil-fjuri artifiċjali taħt il-bożoż ukoll. Imxerrdin 'l hinn u 'l hawn ħafna ritratti ta' antenati. Fil-faċċata mal-ħajt imdendlin żewġ ritratti kbar mezzu bust, tal-papà u l-mamà tal-preżenti sinjurini. Iz-zija Gusta, xiħa ta' 70 sena, liebsa tas-satin griż all'antika, bil-ġlekk biċ-ċinta m'għonqha, il-komma perżuta u bil-kustati wara; fuq quddiem il-famuż "falpala" u fuqu meħmuża labra minjatura ngastata fid-deheb. Dublett bil-ġiruni li 'l isfel jitwassa' ftit u jispiċċa b'daqsxejn kuda. Imsielet twal kważi sa fuq spallejha, xagħarha abjad miġbud kollu 'l fuq u jispiċċa b'toppu fuq il-quċċata ta' rasha, u mgħotti b'biċċa bizzilla sewda. Għalkemm irqajqa, il-mixja tagħha hija tqila u l-mossi tagħha huma għajjiena; spallejha ftit inklinati jidhru li fuqhom għandhom dawk l-annati kollha. Wiċċha mhux imkemmex wisq, iżda minn fuqu spiċċat kull grazzja, jidher biss wiċċ pallidu, kalm, għajnejn mitfija, fuq fommha d-daħka tidher sfurzata u għajjiena.*

*Kif jiftaħ is-siparju z-zija Gusta tidher okkupata tagħti l-aħħar tfarfira u tirranġa f'posthom issa ħaġa u issa oħra. Minn ġewwa tinstama' l-vuċi ta' zija Balda.*

BALDA

Gusta, tgħid wasal il-ħin biex Palmi tlesti l-kafè?

GUSTA

Aħjar le; għidilha tħalli ftit ieħor. Mela tridu tagħtuhulha kiesaħ? Balda, inti ejja ftit hawn, u ara x'jidhirlek!...

BALDA

Mela, ġejja...

*(Ftit wara Balda tidħol. Din iz-zija ikbar minn oħtha xi sentejn. Liebsa l-istess bħalha, però ta' kulur iswed. Wiċċha x'aktarx imkemmex, xagħarha iżjed abjad, figura aktar tqila kif ukoll il-mixja. Jidhru*

*t-tnejn imżejnin u lebsin l-aħjar ħwejjeġ għal xi okkażżjoni speċjali.)*

GUSTA

Ara x'jidhirlek, Balda, kollox qiegħed f'postu? Kollox jidher sewwa?...

BALDA

Jien jidhirli li ma stajniex nirranġaw aħjar minn hekk... min jaf kieku dik il-qasrija tpoġġieha fuq it-tavolin tkunx aħjar? Tagħmel effett ieħor...

GUSTA

Mela, dawk il-fjuri fejn inqegħduhom?

BALDA

Fuq is-sottu spekkju...

GUSTA

Aħjar le. Fuq it-tavolin iktar jidhru, dawk dnub taħbihom, għadhom tant sbieħ, u ma tfew xejn, lanqas jidhru li ilhom dawn is-snin kollha...

BALDA

Minn daqshekk iva, qishom friski... mela ħallihom hemm... kollox jidher sewwa...

*(Jissoktaw jirranġaw.)*

GUSTA

X'ġurnata! X'ġurnata għaddejna! Inħossni mejta bil-għajja! Imma ruħi meta l-affarijiet ikunu hekk antiki ma tista' tagħmel xejn. Ilna minn dalgħodu ntellgħu u nniżżlu: dik kerha, dik antika, din m'għadhomx jużawha, dawn il-mobbli skorruti, din it-tapezzerija mitfija...

BALDA

*(Biex tagħdirha)* Għażiża oħti, jaqbel li issa ma ninkwetawx ruħna iżjed, jeħtieġ toħodna kif aħna; antiki u antikwati, din iż-żagħżugħa sabiħa, u modernissima nepputija ġdida tagħna.

GUSTA

Imma, Balda, ruħi, mhux billi tgħid int, dan tgħidu għaliex inti qatt ma għamiltha ma' nies moderni tal-lum, u ma taf xejn fuq il-moda u l-użanzi tagħhom...

BALDA

F'dak il-kas lanqas inti ma għamiltha, għaliex ilna maqtugħin mid-dinja aktar minn 40 sena.

GUSTA

Imma jiena mhux daqshekk, għaliex kull tant naqra xi ġurnal jew rivista milli jibgħatilna Totò, imma inti lanqas tħares lejhom... wara kollox tinsiex li jien iżgħar minnek...

BALDA

(*tieħu għaliha*) Mur ara dawn is-sentejn li hemm bejnietna, x'differenza jistgħu jagħmlu!...

GUSTA

Jagħmlu, mela ma jagħmlux?... Insomma ħallina minn dan issa. Taf xejn x'ħin hu?

BALDA

(*Tħares lejn l-arloġġ li jkollha mdendel fuq sidirha*) Għadhom it-tlieta nieqes kwart...

GUSTA

Għadu ftit; stajna ma lbisniex hekk kmieni, u konna nilħqu nistrieħu ftit; mejta biex nieħu nagħsa...

BALDA

X'ħin għandha tiġi sewwa din in-nepputija?

GUSTA

Totò kitibli li għal xi l-ħamsa...

BALDA

Imma Totò x'fettillu jiżżewweġ hekk malajr ma' din l-imbierka tifla moderna u sinjura? Min jaf xi ġmiel u x'lussu għandhom ġo darhom!...

GUSTA

Mhux għalhekk inkwieta jien! Għaliex mur ara kif sejra tiskanta u tidħak bina, meta tarana. Jien kont naħseb li għallinqas l-ewwel żjara tagħha tkun flimkien ma' Totò, u jġibhielna hu, mhux iħallina weħidna nikkumbattu magħha.

*(Hawn tidħol Palmi, is-seftura, iżjed xiħa minnhom, b'libsa kannella u fardal blù, f'rasha maktur marbut għoqda taħt ilħitha, f'għonqha xall tas-suf imsallab fuq sidirha. Kif tidħol tmur toqgħod bilqiegħda fuq siġġu baxx ħdejhom, u wieħed malajr jinduna li għandha dik il-kunfidenza li jieħdu s-sefturi meta jdumu fil-post. Tipika ta' seftura padruna.)*

PALMI

Il-kafè lest u ħallejtu fis-sħana...

GUSTA

Għadu ftit il-ħin għall-ħamsa, imma sewwa għamilt, issa għandna kollox lest...

PALMI

...u aħna lesti wkoll...

BALDA

Is-sabiħa hi, li lanqas nafu fuqhiex se nibdew inkellmuha... irridu nippreparaw xi ħaġa... xi argument... xi suġġett... tant aħna differenti minnha...

GUSTA

...tant differenti, li bejnietna hemm aktar minn nofs seklu...

BALDA

...u ma tantx nafu fuqhiex nitkellmu; aħna trabbejna ma nagħmluha ma' ħadd, dejjem weħidna msakkrin ġod-dar... ma nafux x'inhi d-dinja, u x'inhu jsir ġo fiha.

GUSTA

Il-lum kollox mod ieħor: naħseb li anki kif jitkellmu, kif jilbsu, kif igħixu... użanzi ġodda... Inti ma tarax, Balda, anki isimha huwa modern, Simon!...

PALMI

Dan Simon x'isem hu? Qatt ma smajtu f'għomri kollu... donnu isem ta' raġel.

BALDA

Isem sabiħ u modern kemm jista' jkun. Naħseb li lil żewġha ma tgħajjatlux bħalna "Totò", imma Vittorio, anzi lanqas Vittorio, Victor.

PALMI

Jaħasra! Totò tagħna, rabbejnih tant sewwa...

BALDA

Tassew! Fejn kellu jispiċċa... f'idejn moderni... tfajla ta' għoxrin sena, taż-żmien tal-lum... x'tista' tistenna minnha?...

GUSTA

Lanqas jafu x'inhu rispett it-tfajliet tal-lum... Qabel jiżżewġu jinkwetaw lill-ġenituri tagħhom, jiżżewġu jinkwetaw lil żwieġhom... mur ara xi trobbija tista' tistenna minn għandhom, jekk il-Bambin jagħtihom it-tfal; imsejken Totò... tassew nagħli għalih!...

BALDA

Imma bil-professjoni li għandu bil-fors li jiltaqa' ma' ħafna nies, u li jkollu jagħmilha man-nies u jħabbat wiċċu magħhom... ma kienx mument li tbiegħed minn taħt għajnejna... jaħasra! tifel kwiet tant, u tajjeb tant...

PALMI

U mhux b'hekk li ltaqa' magħha, ma' din Simon...

GUSTA

Sejħulu jikkura lil missierha, u raha hemm, u spiċċa biex innamra magħha u daħal fix-xibka.

PALMI

Nittama li tkun tirrispettah u tħobbu kif tassew jistħoqqlu.

GUSTA

Min jaf! Min jaf!... In-nisa tal-lum ma tantx jafu x'inhu rispett.

BALDA

U nittama li Totò ma biddilx id-drawwiet tiegħu... li baqa' jgħid ir-rużarju kull filgħaxija, li jisma' l-quddiesa ta' kuljum, li jsum il-vġejjel u l-kwattru tempri...

PALMI

Ġesù Marija!... Alla ħares le!... x'ikun sewa mbagħad li rabbejnih tifel tajjeb u onest...

BALDA

Tibżax, Palmi, minn daqshekk m'għandix dubju... jekk issiġra tiegħu ħsiebha meta tkun xitla u tkabbarha dritta, dritta tibqa'.

GUSTA

Nittamaw, nittamaw! Intant aħjar inlestu x-xogħlijiet li naħdmu aħna, biex noqgħodu nuruhomlha, u nlestu l-album tar-ritratti tal-familja... u x'iżjed?... X'se nagħmlu iżjed biex ma tiddejjaqx kemm iddum hawn?

BALDA

Jiena nħossni kkonfonduta...

PALMI

Min jaf tiddilettax bl-agħsafar?

BALDA

Iva, ħsibtha tajjeb... nuriha l-guvi li għandi fit-terrazzin...

GUSTA

Tassew, ġiek ħsieb tajjeb... u jien neħodha fis-serra tara l-kollezzjoni tal-begonji u sardinelli. Ara, jaħasra! sakemm tieħu l-kafè, u tara r-ritratti, l-agħsafar, u l-qsari, jgħaddi l-ħin, tkun waslet biex tmur mingħajr ma tkun iddejqet...

BALDA

U frattant aħna ma noqgħodux inħabblu rasna fuqhiex se nkellmuha. Isma' Palmi, donni qed inxomm ir-riħa tal-kafè jagħli... aħjar immur jien inbaxxilu, inkella jeħżien, minn issa sal-ħamsa...

PALMI

Dak ma jiġrilu xejn, billi nħalluh fis-sħana, jibqa' tajjeb.

*(Balda toħroġ. Gusta donnha reġgħet ftakret xi ħaġa.)*

GUSTA

(*Lil Palmi*) Hadd ma jneħħili minn rasi li Simon meta tara dan is-salott, tkun tixtieq tagħtih bis-sieq... u tkissru...

*(Tqum u mill-kexxun tal-gradenza toħroġ album antik tar-ritratti, tpoġġieh fuq it-tavolin viċin biex issibu meta tiġi bżonnu; imbagħad tirranġa ruħha, tmiss il-labra tara hijiex f'postha, tillixxa l-libsa, tmiss it-toppu donnha biex tiżgura ruħha li għadu hemm.)*

PALMI

Daqs kemm hu grazzjuż u sabiħ! Taf x'hawn biss, riħa ta' għeluq u ta' moffa...

BALDA

(*Li tkun dieħla u tismagħha*) Aħna wkoll għandna r-riħa tal-moffa... bl-antikità...

GUSTA

Xi trid tgħid biha? Il-lum ftaħna s-sala minn dal-għodu, imissha marret r-riħa ta' l-egħluq, tperrċet biżżejjed.

*(Balda tmur bil-qiegħda, din id-darba fuq is-sufan. Gusta tmur toqgħod ħdejha.)*

BALDA

X'jidhirlek, Gust, taħseb li tieħu grazzja magħna?

GUSTA

Nittama!

PALMI

Dan żgur li tieħu! Ilbistu l-aħjar libsa, id-deheb is-sabiħ, ftaħna s-sala, hawn kollox irrangat u nadif... lestejnilha l-kafè bil-biskuttelli friski, għamilt il-kagħak, forsi iżjed tiggustahom mill-biskuttelli... lanqas li kienet ġejja xi prinċipessa!

BALDA

Veru, sewwa qalet Palmi, għamilna kulma stajna biex nilqugħha kif jixraq... issa jekk nonqsu f'xi ħaġa, jew forsi ma nafux nitkellmu bil-moda tal-lum, mhux tort tagħna. Għandha tikkumpatina. X'għandna nagħmlu la ġejna qabel żmienha?

GUSTA

Sewwa... sewwa qed tgħid... imma kemm nixtieq li ġejt ftit aktar tard... paċenzja!... x'ħin sar? Ma jidhirlekx li kien imissha waslet?...

BALDA

(*Tħares lejn l-arloġġ*) Għad lanqas huma l-erbgħa... għad fadal iżjed minn siegħa oħra...

GUSTA

Jiena nħossni bin-nagħas.

PALMI

Għax intom imdorrijin torqdu ftit wara l-ikel u l-lum kulħadd sfrattat.

GUSTA

Nixtieq nistrieħ ftit... ma niflaħx iżjed...inħoss għajnejja jridu jingħalqu... (*tisforza biex iżżomm għajnejha miftuħa*) ...imma ma nissugrax... issa ma... hemmx ħin... (*rasha tibda titbandal 'l hinn u 'l hawn, sakemm maħkuma sewwa min-nagħas, tidħol f'raqda ħelwa.*)

*(Balda x'ħin taraha tongħos tibqa' kwieta; iżda ftit wara tibda tongħos hija wkoll u jorqdu t-tnejn. Palmi toħroġ il-kuruna mill-but tal-fardal u tibda tgħid xi talb. Taqa' ħemda; xi kultant tisma' xi tinħira jew nifs qawwi, u rashom tixxengel minn ġenb għall-ieħor, x'aktarx li jaħbtuha flimkien, allura jinħasdu, jiftħu għajnejhom, iħarsu lejn xulxin u jerġgħu jorqdu. Palmi sadattant tkun se tibda tongħos*

*hi wkoll. Wara ftit, f'dik is-sikta jinstemgħu mill-bogħod il-ħsejjes ta' mutur resqin dejjem, sakemm jinstemgħu l-*brakes *u l-*car *jieqaf. Ftit wara ċempila qawwija tal-bieb ta' barra taħsadhom u t-tlieta jqumu bil-wieqfa bil-qatgħa; iħarsu skantati lejn xulxin. Imbagħad donnhom ġew f'sessihom u flimkien jgħajtu:)*

Waslet!... Waslet!... Żgur hi!...

GUSTA

Isa, Palmi... mur iftaħ, aħna nistennew hawn...

*(Palmi toħroġ. Gusta u Balda jlestu ruħhom biex jilqgħuha, iħarsu lejn il-libsa li ma jkunx fiha xi tikmixa, jillixxaw xagħarhom, ipoġġu l-imħaded f'posthom. Sakemm jisimgħu minn ġewwa vuċi friska, ħelwa u armonjuża, tgħajjat:)*

SIMON

(*minn ġewwa*) Fejnha z-zija Balda u z-zija Gusta?...

*(Tidħol tiġri għal fuqhom, tfajla ta' mhux iktar minn għoxrin sena, sabiħa, kollha ħajja, liebsa bi* slacks *oskur,* blouse *ta' lewn vivaċi, ingwanti tal-ġilda fina; f'rasha maktur ċelesti li minn taħtu jitfaċċaw nokkli jleqqu donnhom ħarir. Wiċċha frisk u roża b'karnaġjon mill-isbaħ. għajnejha jleqqu bl-isbaħ dawl taż-żgħożija. B'ġakketta fuq spallejha ta' lewn oskur ukoll. Fuq xofftejha daħka ħelwa.)*

SIMON

(*B'dirgħajha miftuħa, tkompli tgħajjat*) Liema hi z-zija Balda, u z-zija Gusta?...

BALDA

(*mifxula*) Jiena Baldiska, u din oħti Awgusta.

SIMON

(*Tgħannaqhom*) Kemm ili biex inkun nafkom... kemm jiena kuntenta li fl-aħħar ġejt u qiegħda ħdejkom!...

*(Tbushom wara xulxin, b'ħeġġa kbira. Balda u Gusta jibqgħu jħarsu mifxula, daqqa lejha u lejn l-ilbies tagħha, u daqqa lejn xulxin bla ma jafu x'għandhom igħidu. Iktar jiskantaw meta jarawha*

*tneħħi l-ingwanti u jitfaċċaw idejn sbieħ b'difrejn twal u ħomor mill-istess kulur ta' xofftejha. Jibdew jagħmlu sinjali b'għajnejhom lil xulxin biex forsi jiddeċiedu jekk għandhomx igħidulha xi ħaġa fuq il-mod ta' l-ilbies tagħha. Iżda ma jistgħu jaslu fl-ebda konklużjoni, għaliex Simon, ta' tifla fuq tagħha u moderna li hi, tibda titkellem bla ma tieqaf u b'diżinvoltura kbira, bla ma tagħtihom ċans jgħidu xejn. Tibda ddur mal-kamra, issa tara ħaġa u issa tmiss oħra. Wara ftit tmur ħdejhom.)*

Kemm għandkom affarijiet sbieħ, qatt ma rajt bħalhom.

BALDA

Oqgħod bil-qiegħda, Simon. Tridx tilbes il-ġakketta għax dalwaqt taqalek minn fuq spallejk? (*Tipprova tgħinha tilbisha.*)

SIMON

(*Toqgħod*) Le, le zija Balda, grazzi... anzi aħjar inneħħiha. (*tneħħi l-ġakketta, Gusta teħodhielha u tagħtiha lil Palmi biex iddendilha ġewwa.*) Kemm ili biex niġi narakom! Xtaqt ġejt qabel, meta konna għarajjes, imma ma stajniex nitbiegħdu, għaliex il-papà kien ħażin ħafna, miskin...

GUSTA

Issa kif inhu?

SIMON

Oh! issa tajjeb ħafna. Issa mfejjaq għal kollox. Victor ried ikun. Victor kien attent wisq għalih... (*ma' l-isem ta' Victor ixxjuħ iħarsu lejn xulxin*) Malli kien tajjeb ftit, iżżewwiġna malajr. Kif kien ma ġejtux għat-tieġ? Taf kemm ħadna ħsiebkom! U kemm semmejnikom!

BALDA

Aħna qatt ma noħorġu mid-dar...

GUSTA

...qatt ma mmorru mkien...

SIMON

Kif ma timirdux, dejjem ġewwa?... L-arja bżonnjuża ferm għas-saħħa. Arja, arja, baħar!

BALDA

Għandna t-terrazzin u...

GUSTA

...għandna l-ġnien...

SIMON

Mhux biżżejjed. Araw, jien noħroġ kuljum. Immur nilgħab it-*tennis*, noħroġ bil-*bicycle*, immorru xi *hike*, insuq il-*car*...

BALDA u GUSTA

(*Mistagħġbin*) Kif?... Issuq il-karrozza tan-nar??...

PALMI

(*Tkun daħlet u tibqa' bil-wieqfa fejn il-bieb*) X'waħda din!!...

SIMON

Għaliex qegħdin tistagħġbu? Anki issa waħdi ġejt, insuq jien.

BALDA

Imma dan mhux sewwa. Totò ma għandux iħallik tagħmel dan...

GUSTA

Dawn affarijiet ta' rġiel, u fuq kollox tista' tkorri... Totò ma għandux jippermettih dan...

SIMON

Totò min hu?...

GUSTA

Totò, insomma, Vittorio. Għax meta kien żgħir konna nsejħulu Totò.

SIMON

Victor mhux iktar faċli minn Totò?... Nieħu gost jekk issejħulu hekk...

BALDA

Imma ma tafx... aħna ma nitbiddlux... hekk sejjaħnilu dawn is-snin kollha li trabba magħna. Ipprova sejjaħlu int Totò...

GUSTA

Iva... ipprova sejjaħlu int Totò...

PALMI

Sewwa, jaħasra... kieku ssejjaħlu Totò...

SIMON

(*Skantata, u fl-istess ħin tiggustaħom*) Totò!... Totò!... nipprova, nipprova biex nobdikom...

PALMI

Immur inġib il-kafè?

GUSTA

Simon, tieħu kafè, hux veru?

BALDA

Ma tiħux ftit kafè?

*(Ikunu qagħdu bil-qiegħda kollha.)*

SIMON

Kafè?... Kafè bħal issa ma niħux; pjuttost kikkra te...

*(Iħarsu lejn xulxin konfużi.)*

PALMI

Sajjartu frisk issa, taf, sinjura Simon...

GUSTA

Inti pprova, ħudu bil-kagħak jew bil-biskuttelli...

BALDA

Ipprova, ħudu bil-biskuttelli jew bil-kagħak...

PALMI

Għamilthom il-lum apposta għalik... friski...

SIMON

(*Biex tikkuntentaħom*) Tajjeb, tajjeb, nieħu kafè bil-kagħak, naħseb li huma tajbin la għamiltuhom intom.

*(Palmi toħroġ. Simon b'daħka ħelwa, tarahom ma jitkellmux, biex tagħmlilhom kuraġġ.)*

Insomma, intom kif tgħadduha? Taħdmu xi ħaġa sabiħa? It-talkies ma tħobbuhomx? L-operetti mortu xi darba?

BALDA

Iva, naħdmu l-kroxè, jew rakkmu tal-lewlu. Jiena mbagħad għandi ħafna agħsafar, u..

GUSTA

...jiena għandi ħafna qsari sbieħ. Palmi ssajjar u tnaddaf. Imma mindu ħalliena Totò... eh, Victor... inħossuna weħidna wisq, weħidna dejjem... qisna ġo qabar... fil-postijiet li semmejt ma mmorrux.

BALDA

Weħidna wisq... qisna ġo qabar...

SIMON

Issa nibda niġi spiss jien, u meta Victor, eh, Totò jkun jista', inġibu miegħi...

BALDA

Iva... iva... nixtiequ narawh ħafna...

GUSTA

Veru, nixtiequ narawh ħafna...

SIMON

Intant, uruni xi xogħol sabiħ...

*(Gusta tqum iġġib kaxxa minn fuq siġġu li jkun fir-rokna u tersaq biha ħdejn Simon, tiftaħha u tibda toħroġ ħafna xogħlijiet maħduma bil-kroxè u bil-lewlu, u tispjegalha x'inhuma.)*

GUSTA

Ara, dan ċentru, dawn għal taħt xi sottukoppa, dan antimakassar u dan saxè...

BALDA

Jekk tkun trid xi diżinn...

GUSTA

Iva, jekk trid xi diżinn...

SIMON

Grazzi ħafna... imma jien ma nafx naħdem bħal dawn... Tassew sbieħ, prosit kemm intom bravi... u x'paċenzja għandkom! Kieku jien nieħu s-snin biex nagħmel wieħed!

GUSTA

Issa ħalli nurik dan it-tapit... dan ukoll għamilnieh aħna.

*(Tmur tiġbor mill-art it-tapit ta' quddiem il-gradenza u turihulha.)*

SIMON

Brava, ħej! zija Gust, kemm hu sabiħ...

BALDA

Dak ħdimnieh flimkien... maħdum bil-biċċiet taċ-ċraret. Jogħġbok?

SIMON

Eħe! Tassew gustuż, zija Balda; nixtieq li naf naħdem bħalkom.

GUSTA

Jekk tkun trid nuruk, malajr titgħallem...

BALDA

...iva, jekk tkun trid nuruk, malajr titgħallem...

SIMON

Eħe! Nibda niġi spiss, u għallmuni naħdem bħalkom.

*(Gusta terġa' tpoġġi kollox f'postu, u terġa' tmur bil-qiegħda, u tħares lejn oħtha biex tara fuq hiex se jibdew ikellmuha. It-tnejn ma jitkellmux, b'idejhom f'ħoġorhom u jilgħabu b'subgħajhom.)*

GUSTA

(*Fl-aħħar tiftakar u tieħu r-ruħ*) Simon, tridx nurik ir-ritratti tal-familja?

SIMON

Eħe! Nieħu gost nara l-mamà u l-papà ta' Vict... eh ta' Totò tiegħi.

*(Gusta tmur iġġib l-album minn fuq il-gradenza, terġa' tmur bil-qiegħda f'postha, tiftaħ l-album f'ħoġorha u tibda turiha kollezzjoni ta' ritratti antiki u tispjegalha min huma. Tersaq bis-siġġu anki Balda, u jibdew ir-rassenja ta' dawk il-persunaġġi ta' mitt sena ilu. Issa raġel oħxon bil-kappell tat-tiben f'rasu, bastun b'pum kbir f'idu liebes bis-surtun, u Gusta tispjega.)*

GUSTA

Dan in-nannu tagħna...

SIMON

Hi kemm kien oħxon!

BALDA

...il-bużnannu ta' Totò... Fejn taf kemm kien raġel minn tagħna!

SIMON

Dak il-kappell tat-tiben kien moda?

GUSTA

Dan żgur. Tassew kien minn tagħna ħafna, u raġel sewwa ferm...

SIMON

Kemm kien dandy, ħej! Bis-surtun u bil-bastun!

GUSTA

...u din in-nanna Santina... ara kif kienu jilbsu dak iż-żmien... dak il-kappell kbir... ġgantesk, qaddha rqiq irqiq, bil-falpalà pompuż, u saqajha marsusin b'par stivaletti twal... xi ġmiel, veru? Ma jidhirlekx li kienu jilbsu isbaħ mil-lum?

SIMON

Tassew ilbies sabiħ... nixtieq li għadhom jużaw id-dublett biċ-ċirku.

BALDA

Il-kulè wkoll kien sabiħ... Hawn ħafna ritratti tagħna bil-kulè... imma din in-nanna kienet sabiħa wisq... kienu jgħidu li minn kull fejn kienet tgħaddi, in-nies kienu jieqfu jħarsu lejha... tiġi l-bużnanna ta' Totò... eh, ta' Victor.

GUSTA

Mietet meta kellha 96 sena...

BALDA

In-nannu miet ta' 98 sena...

SIMON

Alla jbierek, kemm għexu!

GUSTA

(*Turiha ritratt ieħor*) Din iz-zija Feliċita... tiġi l-mara ta' dan. Iz-ziju l-konslu... dan tat-tomna...

SIMON

Konslu?...

BALDA

Iva, dan żgur, kien konslu ta' l-Arġentina...

GUSTA

Konslu ta' l-Arġentina... Dejjem hekk kien jilbes, bit-tomna u bis-surtun; il-bastun tiegħu għadu merfugħ għandna, kien jismu Baldassere, oħti Balda msemmija għalih.

SIMON

(*Ikomplu jaqilbu l-folji*) U dan ta' fuq iż-żiemel min hu, kemm hu sabiħ?...

GUSTA

Dak il-papà ta' Totò... ta' Victor...

BALDA

Veru kien raġel sabiħ... (*tixxotta demgħa*).

GUSTA

...u din il-mamà tiegħu. Ara kemm kienet sabiħa u simpatika... imma mietet żagħżugħa wisq... (*tixxotta demgħa*).

BALDA

Iva, jaħasra! mietet żagħżugħa wisq...

SIMON

Xi dnub, biex mietet hekk żgħira?...

GUSTA

Hadet riħ, ftit ġranet fuq li twieled Totò... u dawn it-tnejn *(turiha ritratt ieħor b'żewġt itfal)* dawn il-kuġini li għandna l-Perù.

SIMON

Għadhom ħajjin?...

GUSTA

Dan żgur. Il-lum għandhom tmenin sena...

BALDA

Iva, għandhom tmenin sena... Letizja u Berta, kienu tewmin.

GUSTA

*(Turiha ritratt ta' tifel żgħir)* Dan Totò... Victor tagħna... ara kemm hu ħelu...

SIMON

*(tħares lejh bil-ħlewwa)* Helu tassew... u għadu jixbhu sallum... veru grazzjuż... ma nixbax inħares lejh...

BALDA

Irid ikollna ieħor x'imkien... jekk insibuh nagħtuhulek.

GUSTA

Iva, irid ikun merfugħ f'xi kaxxun... għada nfittxu...

SIMON

Grazzi, nieħu gost bih tassew.

GUSTA

U dawn li ġejjin issa, aħna... meħudin f'kull epoka... kellna l-mamà tiddeletta wisq bir-ritratti...

SIMON

*(Tħares lejn diversi ritratti)* F'kollha ġejtu tajbin, imma l-iktar ħaġa li togħġobni huma l-ilbies, sabiħ u rqiq.

*(Fl-aħħar l-album jispiċċa wkoll, u jerġa' jmur f'postu, u Gusta tersaq ħdejn oħtha u minn taħt l-ilsien tgħidilha:)*

GUSTA

Urejniha x-xogħlijiet, urejniha r-ritratti, x'se nagħmlu iktar?

BALDA

Issa hemm il-kafè... f'hiex wasal il-kafè?

GUSTA

(*Terġa' tieħu r-ruħ, tmur fejn il-bieb u tgħajjat*) Palmi! Palmi!... Ġib il-kafè?...

PALMI

(*Minn ġewwa*) Arani magħkom. (*Tidħol*) Kont nistenna li ssejħuli.

(*Tpoġġi l-gabarrè fuq mejda, u kulħadd, barra minn Simon, imur fejn il-mejda, waħda tferragħ il-kafè, l-oħra tlesti ġo plattin ftit kagħak u biskuttelli, l-oħra tagħmel iz-zokkor u l-ħalib, sakemm ilestu kollox u jmorru jduru ma' Simon. Meta rawha li ħadet minn kollox, jerġgħu jmorru bil-qiegħda.*)

GUSTA

Kif issibu l-kafè? Jogħġbok?

SIMON

Iva, tajjeb ħafna, grazzi... Kemm ili ma nduq kafè hekk tajjeb.

PALMI

Dak sajjartu frisk il-lum.

SIMON

Jidher, jidher... għandu togħma tajba wisq...

BALDA

Basta jogħġbok... Hu, kul iżjed kagħkiet, ħu din, ara kemm hi mbaskta.

GUSTA

Dawk tajbin żgur għax tad-dar...

BALDA

Kollox ġenwin... magħmul minna stess.

SIMON

Jidhru li "home made", tajbin tassew... intom ma tieħdu xejn?... Hudu xi ħaġa... agħmluli kumpannija (*tqiegħed il-kikkra fil-gabarrè*).

GUSTA

Aħna ma nieħdu xejn qabel il-lejla... hekk imdorrijin...

BALDA

...hekk imdorrijin... l-istonku ma ngħabbuhx iżżejjed...

PALMI

Hallejt nofsha sinjurina. Mela ma tridx tieħu iżjed?

GUSTA

Kompli ixorbu, tajjeb ħafna...

BALDA

Tassew, jaħasra! kemm tixba' malajr...

SIMON

Grazzi, ma niħux iżjed. Dik kikkra kbira ħafna.

PALMI

U ħudu, sajjartu frisk il-lum...

SIMON

Grazzi, jiena ma tantx niekol... biżżejjed.

GUSTA

Mela paċenzja, la ma tridx.

BALDA

Dnub, jaħasra!... imma la ma tridx, ma tridx.

*(Simon iddaħħal idha fil-but tal-qalziet u b'għaġeb kbir tagħhom, jarawha toħroġ kartiera żgħira u eleganti, tieħu minnha sigarrett, u b'"lighter" tal-fidda tqabbdu, u tibda tpejjep. Palmi li tkun dieħla bil-gabarrè u taraha terġa' lura, ipoġġi kollox fuq il-mejda, u tibqa' tħares skantata lejha bħal statwa. Ix-xjuħ iħarsu lejn xulxin, ma jistgħux jifhmu humiex jaraw sewwa, jiċċaqalqu qishom għandhom il-labar taħthom. Simon bl-indifferenza kollha tħares għal ftit lejn idduħħan jinnokkla tiela' lejn is-saqaf u jispiċċa fixxejn. Gusta, li hija dejjem tieħu l-inizjattiva, fl-aħħar titkellem.)*

GUSTA

Simon... skużi, sejra nistaqsik ħaġa... eh, kurżità...

SIMON

Għidli, zija Gusta.

GUSTA

Kieku nixtieq... eh... nixtieq inkun naf... eh... xtaqt li nkun naf... insomma jekk intix tifel jew tifla...

SIMON

*(Tfaqqa' daħka kbira)* Għaliex, zija Gust?

GUSTA

U ara għaliex... għaliex sa fejn nafu aħna l-irġiel biss kienu jpejpu fi żmienna, mhux in-nisa...

BALDA

...la inti qiegħda tpejjep u liebsa l-qalziet, qed jiġina dubju jekk intix mara jew raġel.

SIMON

*(Tkompli tidħak bil-qalb tant kemm tkun qiegħda tiggustahom)* Għandkom tiftakru, zijiet ta' qalbi, li minn żmienkom għal żmieni tgħaddi differenza ta' ħamsin sena.

BALDA

U b'daqshekk?

GUSTA

B'daqshekk?...

SIMON

Progress, zijiet egħżież tiegħi... progress. Jiena ġejt il-lum bil-qalziet għaliex meta nsuq il-*car* hekk inħobb nilbes... Imma l-lum hija ħaġa komuni li n-nisa joħorġu bil-qalziet u jpejpu barra... ħadd ma jagħti kashom...

PALMI

Ġieżu ġież! Jiena qatt ma smajthom bċejjeċ bħal dawn... *(terġa' taqbad il-gabarrè u tidħol).*

GUSTA

Imma mhux sewwa... mhux sewwa... u Totò ma għandux iħallik tkompli hekk... Fejnha d-dinjità tal-mara meta jarawha liebsa ta' raġel?...

BALDA

...u tpejjep daqs raġel... issuq il-karrozza bħal raġel...

GUSTA

Imbagħad, wara kollox, tista' tiġri xi diżgrazzja, tista' tkorri... waħdek... issuq int... Dawn huma affarijiet li qatt ma smajna bihom... qatt ma rajna mara liebsa bħalek ta' raġel... skantajna ħafna meta rajnik liebsa hekk... ma konniex nistennewk b'dan l-ilbies...

BALDA

Inħsadna bosta meta rajnik hekk...

SIMON

Dalwaqt tidrawni, u ma tatux kas iżjed. U m'għandkomx għalfejn tinkwetaw irwieħkom li nkorri. Jiena mdorrija nsuq u drajt sewwa, qatt ma ġrali xejn... issa ili aktar minn sentejn li ħadt il-liċenza... u... *(tieqaf tħares madwarha, donnha tfittex xi ħaġa. Ix-xjuħ premurużi jistaqsuha.)*

GUSTA

Xi trid, Simon, trid xi ħaġa?

BALDA

X'inti tfittex? X'għandek bżonn?

SIMON

"Ashtray, please"... xi ħaġa fejn infarfar l-irmied...

*(Ix-xjuħ iħarsu lejn xulxin, imbagħad iqumu. Waħda ddur f'ġenb u l-oħra f'ieħor, biex jaraw x'jistgħu jsibu, u x'inhu adattat. Waħda taqbad vażun kbir li jkun fuq is-sottuspekkju, turih lil oħtha u bis-sinjali tistaqsiha jekk hux tajjeb. Oħtha tgħidilha li le bis-sinjali wkoll. Fl-aħħar jirrikorru għall-għajnuna ta' Palmi, u jsejħulha.)*

GUSTA

Palmi, Palmi!... isma' ftit...

BALDA

Palmi, ejja daqsxejn...

GUSTA

Sib xi ħaġa fejn tixħet l-irmied fih...

BALDA

Xi ħaġa li ma tkunx kbira wisq...

PALMI

Issa jiena naf kif trid tkun... xi biqja ta' l-agħasafar tgħodd?

BALDA

Naħseb li mhux tajba, kbira wisq... xi ħaġa iktar pulita...

PALMI

Skutella tajba?...

GUSTA

Le, le, xi ħaġa oħra, mur ara xi ssib... xi ħaġa iktar adattata... skutella le, dik nixorbu minnha...

PALMI

Mela ma nafx...

BALDA

...u isa, fittex xi ħaġa...

GUSTA

...u ddumx... malajr...

*(It-tnejn jimbuttawha minn spallitha. Palmi toħroġ u terġa' tidħol b'gastra tar-ram u tmur tpoġġiha fl-art f'riġlejn Simon.)*

PALMI

Din tajba, sinjura?

SIMON

Eħe! Tajba ferm ukoll... grazzi ħafna Palmi, jiddispjaċini li ħabbattek...

*(Iz-zijiet jerġgħu għal posthom, soddisfatti li anki din id-darba ħarġu minn xkiel ieħor, u jibqgħu jħarsu lejha tpejjep. Palmi qabel toħroġ, lix-xjuħ:)*

PALMI

Sejra nkompli naħsel l-affarijiet. Narġa' npoġġi kollox fil-vetrina?

GUSTA

Iva, imma oqgħod attenta li ma tkissirx xi ħaġa mill-vetrina.

BALDA

U poġġi kollox wiċċu 'l isfel, imħabba t-trab...

PALMI

Jekk jinqala' xi ħaġ'oħra, sejħuli...

BALDA

Dan żgur, Palmi...

GUSTA

Iva, insejħulek... (*Palmi toħroġ*).

SIMON

(*Wara pawsa ftit twila, bi tbissima*) Nixtieq naqra ġo qalbkom u nara x'intom tgħidu għalija.

GUSTA

(*Wara li taħsibha ftit*) Jiena qiegħda ngħid: "Kemm hi ħelwa u grazzjuża, imma kemm nixtieqek mod ieħor"...

BALDA

U jiena qiegħda ngħid: "Kemm ħadt grazzja miegħek, imma dnub kellek tinzerta daqshekk differenti minna... daqshekk moderna".

SIMON

Grazzi, grazzi egħżież tiegħi, u qed nieħu tassew pjaċir li kontu sinċieri miegħi. Issa ippermettuli ngħidlkom jien x'jien ngħid ġo qalbi fuqkom.

GUSTA

Naturalment li aħna antiki, antikwati, u forsi injoranti għax ma nafu nitkellmu fuq xejn...

BALDA

...u kemm għadna lura għax qatt ma għamilniha ma' ħadd... qatt ma nersqu fejn hemm in-nies...

SIMON

Għandkom żball kbir jekk taħsbu dan. Infatti... (*tqum, tarmi s-sigarrett fil-gastra, u tqum b'idejha t-tnejn ġol-but tal-qalziet*)... infatti, irrid ingħidilkom li jiena rrid nibqa' ngħix magħkom...

GUSTA *u* BALDA

(*Mistagħġbin*) Tibqa' tgħix magħna?...

SIMON

Iva... Meta jiena dħalt hawn ġew, ħassejtni li dħalt f'dinja oħra, f'atmosfera oħra... totalment differenti minn dik li ngħix fiha jien... fuq kollox ħadt grazzja magħkom, inħobbkom u niggustakom fl-istess inġenwità, fl-istess sempliċità tagħkom. Naf li intom sinċieri, onesti... naf li jekk ingħid "ajma" tgħiduli "miskina" minn qalbkom; tagħdruni u tgħinuni, għax hekk trabbejtu... hekk kienet id-dinja 60 u 70 sena ilu; ġenwina, sinċiera, onestà... Il-lum le... egħżież tiegħi... il-lum id-dinja mod ieħor... (*terġa' tieqaf, timxi xi żewġ passi, terġa' lura u tkompli*) Is-seklu tal-lum, huwa falz, ambizzjuż, diżonest, ambigwu... Il-lum ma tista' titkellem ma' ħadd, ma tista' tersaq fejn ħadd, ma tafx min hu sinċier... Kieku jista' jkun jitfgħuk ġo abbiss mnejn ma tkunx tista' toħroġ; kulħadd ipokrita, diżonest, artifiċjali... (*b'ton ieħor*) Harsu lejja; għadni żgħira, kollni artifiċjali, xagħari, wiċċi, xoftejja, idejja, ilbiesi, kollox... kollox. Għaliex?... Għax qiegħda ngħix fis-seklu tal-lum...

GUSTA

Imma dan għax trid int...

BALDA

Ċerti ħwejjeġ tista' ma tagħmilhomx, jekk ma jogħġbukx...

SIMON

Le, ma nistax... il-progress, il-moderniżmu jrid hekk. Jekk ma nimxix mal-moda, jidħku bija, igħidu li jien stramba, li ma nafx nilbes... Harsu lejja ftit... jiena għandi għoxrin sena biss, inħossni xiħa ta' mitt sena, inħossni li għext wisq... li ili ngħix ħafna... xbajt minn kollox, għaliex bdejt kmieni l-ħajja; intom tinsabu iktar kuntenti minni. Fis-sempliċità tagħkom, fl-atmosfera li tgħixu, 'il bogħod mill-falzità : fil-passatempi innoċenti, għandkom il-feliċità, issibu soddisfazzjon, u jien nista' nara mill-

espressjoni ta' wiċċkom ir-rifless tal-qalb safja tagħkom... Emmnuni, jiena nammirakom!

GUSTA

Aħna ma nistgħux nifhmuk, Simon...

BALDA

Fisser ruħek aħjar...

SIMON

Intom tinsabu kuntenti, għandkom il-faraġ għaliex intom ġenwini, għaliex dejjem ħrabtu l-qerq tad-dinja, l-ebda fewġa minn tagħha qatt ma setgħet tolqotkom... Għandkom il-menti, qalbkom, ruħkom, biex ingħid hekk, safja, trasparenti, nista' narakom bħalma nara bizzilla fina... Intom tistgħu tgħidu li għandkom għoxrin sena... Nibża' li ma nafx infehmkom sewwa x'irrid ingħid.

GUSTA

Donnok m'intix kuntenta mill-ħajja...

BALDA

...jekk nistgħu nagħmlu xi ħaġa għalik... għidilna.

SIMON

Iva, tistgħu tagħmlu ħafna għalija... Żommuni ngħix magħkom hawn. Togħġbuni intom u Palmi, jogħġobni isimkom, togħġbuni kif tilbsu, kif titkellmu, jogħġobni kulma għandkom, għax kollox differenti minn dak tal-lum li jiena xbajt nara... togħġobni d-dar tagħkom...

GUSTA

Imma d-dar tagħna dejjem siekta, dejjem magħluqa qisna ġo qabar...

SIMON

(*Wiċċha jiddi bil-ferħ*) Id-dar tagħkom ma tibqax iżjed siekta meta niġu jien u Totò. Terġa' timtela. Jiena hawnhekk nerġa' nsir it-tifla ta' għoxrin sena, inġib miegħi ż-żgħożija, l-allegrija, il-ħajja... It-twieqi kollha jinfetħu u minnhom tidħol ix-xemx tar-rebbiegħa, u fis-serati twal tax-xitwa ninġabru hawn, inġib il-pjanu tiegħi, nibda ndoqq u nkanta...

BALDA

U Totò?... Totò kif jagħmel? Taħseb li jkun irid?

SIMON

Totò jmur u jiġi kuljum bil-"car". Huwa jħobbha din id-dar fejn trabba, iħobb lilkom, u qatt ma kien kuntent imbiegħed minnkom. Lili għallimni nħobbkom qabel ma kont nafkom (*Balda tixxotta demgħa*), u issa li rajtkom u kellimtkom naf li kellu raġun... (*Gusta tixxotta demgħa*) Għiduli, triduni hawn magħkom?

GUSTA

(*B'vuċi baxxa u mregħda*) Jekk taf żgur li ma tkunx imdejqa hawn ma' tlitt ixjuħ bħalna...

BALDA

...aħna ħsibna li sejra tidħak bina u bid-dar tagħna...

*(Tidħol Palmi u tibqa' fuq il-bieb tisma'.)*

SIMON

Nidħak? X'inti tgħid, zija Balda!... Nixtieq ma noħroġ qatt minn hawn... Irrid nieħu parti fil-passatempi tagħkom. Lilek, zija Gusta, ngħinek fil-qsari, insaqqihom, inneħħilhom il-weraq niexef, inħawwel u niżra'...

GUSTA

(*Imqanqla*) Iva... iva... ruħi, mela le...

SIMON

U lilek, zija Balda, ngħinek fix-xogħol li jagħtuk l-agħsafar, nitmagħhom, innaddfilhom, nirranġalhom it-tiben biex jagħmlu l-bejta...

BALDA

(*Imqanqla*) Iva... iva... ruħi qalbi...

SIMON

U jekk Palmi tkun issajjar xi ħaġa tajba, immur ħdejha fil-kċina, ngħinha tqaxxar il-patata, inqattalha l-basal... (*Palmi fejn il-bieb tixxotta demgħa u ċċaqlaq rasha*)... u hekk tibda ħajja oħra għalija... ħajja ġdida għalija, ta' hena u ta' faraġ...

*(Tmur bejniethom, b'idha waħda fuq għonq Gusta u idha l-oħra fuq għonq Balda. Titbaxxa li wiċċha jkun livell u jmiss ma' wiċċhom. Dawk iż-żewġ uċuħ pallidi, imkemmxa, kalmi, donnhom tal-kartapesta ma' ġenb dak il-wiċċ l-ieħor frisk u roża kollu ħajja.)*

GUSTA

Imma inti żgura li ma tiddejjaqx tgħix magħna?...

BALDA

Aħna tant antiki... inti tant moderna...

SIMON

(*Tross wiċċha ma' tagħhom*) Jiena niggustakom u nħobbkom hekk kif intom, antiki... Nitlobkom tiftakru biss li jiena tifla moderna tas-seklu għoxrin... u għalhekk nitlobkom tittollerawni... fiż-żminijiet tal-lum ħadd ma jittollera lil ħadd. Użaw miegħi s-sistema ta' l-imgħoddi. Jekk nonqoskom f'xi ħaġa agħdruni u iftħuli għajnejja.

PALMI

(*Li issa tkun resqet qribhom*) Min sata' qatt jobsor li fost iż-żgħażagħ tal-lum, kollha qliezet u sigarretti, hemm x'uħud fosthom li ma jistmerrux il-ħajja qadima ta' ħamsin sena ilu! Alla jkun imbierek! (*Simon tħalli liz-zijiet u tgħannaq lil Palmi.*)

S I P A R J U.